

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000076/2013

lill-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Véronique Mathieu Houillon, Monika Hohlmeier, Hubert Pirker

f'isem il-Grupp PPE

Suġġett: Il-gvern Bulgaru l-ġdid - theddida serja għall-affarijiet interni u ta' sigurtà tal-UE

Bħala kwistjoni ta' prijarità, il-Parlament Bulgaru adotta liġi li għandha l-għan li temenda l-istruttura u l-funzjonament tas-settur tas-sigurtà nazzjonali kollu. Il-bidliet lill-Att dwar l-Aġenzija Statali tas-Sigurtà Nazzjonali għandu l-għan li jagħti funzjonijiet tal-pulizija u ta' investigazzjoni lil din l-Aġenzija, ħaġa li tmur kontra l-profil attwali tal-aġenzija, li hija korp indipendenti ta' kontraintelliġenza, kif rakkomandat mill-Kummissjoni fir-rapporti dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika. Barra minn hekk, id-Direttorat Ġenerali għall-Għieda kontra l-Kriminalità Organizzata, li bħalissa jagħmel parti mill-Ministeru tal-Affarijiet Domestiċi, se jingħalaq u l-funzjonijiet attwali tiegħu se jiġu trasferiti lill-Aġenzija flimkien ma' poteri sostanzjali ta' investigazzjoni. Il-bilanċ bejn l-istituzzjonijiet li huma mistennija jggarantixxu s-sigurtà taċ-ċittadini Bulgari u tal-UE kollha tfixxkel, u b'hekk ġiet mhedda l-ordni demokratika. Aħna naħsbu li din il-liġi hija preċedent perikoluż għas-sistema ta' sigurtà tal-Unjoni Ewropea, speċjalment peress li ma saret ebda konsultazzjoni pubblika dwarha u ma għabret ebda appoġġ tas-soċjetà.

Dawn il-bidliet jistgħu jwasslu għal żieda fil-livelli tal-kriminalità, inkluża l-kriminalità organizzata transnazzjonali, u jistgħu jikkawżaw li l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet sħab Ewropej jitlejfu l-fiduċja tagħhom f'min jieħu d-deċiżjonijiet fil-Bulgarija u fis-soċjetà.

Ġurnata wara li l-emendi daħlu fis-seħħ, inġatret persuna kontroversjali ħafna bħala direttur tal-Aġenzija mingħajr ebda dibattitu politiku u li ġiet sfurzata titlaq wara ħafna oppożizzjoni mis-soċjetà.

- Il-Kummissjoni hija konxja minn dan it-tibdil fundamentali fis-sistema ta' sigurtà ta' Stat Membru tal-UE? Il-Kummissjoni taqbel li tali tibdil leġiżlattiv li ma ġiex diskuss f'dibattitu jipperikola d-demokrazija?
- Il-Kummissjoni ġiet notifikata mill-Parlament Bulgaru dwar ir-raġunijiet għal tali sforzi ta' riforma u l-iskop eżatt tagħha? Jekk le, il-Kummissjoni tqishom konformi mal-iskopijiet tal-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika?
- Fil-fehma tal-Kummissjoni, hu ġustifikat li s-servizz ta' kontraintelliġenza jingħaqad ma' korp politiku? Jekk iva, għaliex?
- Bil-funzjonijiet il-ġodda tagħha l-Aġenzija mhux se tiġi responsabilizzata għall-ħidma tagħha u din mhux se tkun suġġetta għall-kontroll parlamentari ta' kull ġimgħa mill-Parlament Bulgaru. Il-Kummissjoni tqis li, bħala riżultat ta' dawn l-iżviluppi, qed jinkisru l-prinċipji demokratiċi?
- Il-Kummissjoni tqis li l-atti t'hawn fuq tal-liġiżlatur Bulgaru huma raġuni xierqa biex joħroġ rapport straordinarju fil-qafas tal-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika biex tiġi valutata s-sitwazzjoni fil-Bulgarija f'termini ta' sigurtà nazzjonali u tal-UE? Jekk le, għal liema raġuni?

Imressqa: 24.6.2013

Mgħoddija: 26.6.2013

L-iskadenza għat-tweġiba: 3.7.2013